IL-KUMMISSJONI
EWROPEA

Brussell, 20.10.2020
COM(2020) 658 final

Rakkomandazzjoni għal

DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL

li temenda d-Deċiżjoni tal-Kunsill tat-23 ta' Novembru 1998 dwar kwistjonijiet ta' rati tal-kambju relatati mal-frank CFA u l-frank Comorjan (98/683/KE)

MEMORANDUM TA' SPJEGAZZJONI

1. KUNTEST TAL-PROPOSTA

• Raġunijiet u objettivi tal-proposta

Fl-2019, Franza u l-Istati tal-Unjoni Ekonomika u Monetarja tal-Afrika tal-Punent (UEMOA) kellhom diskussjoni dwar ir-riforma tal-kooperazzjoni fi kwistjonijiet relatati mar-rata tal-kambju. Fil-preżent, il-kooperazzjoni tagħhom hija bbażata fuq ftehim ta' kooperazzjoni tal-4 ta' Diċembru 1973 u ftehim ta' garanzija relatat iffirmat fl-1973 u mmodifikat fl-2005 u fl-2014. L-iskop ta' din ir-riforma huwa li l-UEMOA tiġi modernizzata u li tiġi ffaċilitata l-estensjoni progressiva tagħha għal Stati oħra tal-Komunità Ekonomika tal-Istati tal-Afrika tal-Punent (ECOWAS).

Id-diskussjonijiet bejn Franza u l-Istati tal-UEMOA dwar il-kooperazzjoni eżistenti tagħhom wasslu għal proposta komuni għar-riforma tal-funzjonament tal-UEMOA. Ir-riforma tikkonċentra fuq erba' temi. L-ewwel nett it-tismija mill-ġdid tal-frank CFA f'"ECO" matul l-2020. It-tieni objettiv huwa li jitneħħa l-obbligu għall-Istati tal-UEMOA li jiċċentralizzaw riżervi barranin f'kont tat-teżor Franċiż; It-tielet, din tirrigwarda l-irtirar ta' Franza mill-korpi deċiżjonali tal-awtoritajiet tal-UEMOA. Ir-raba' għandu b'mod parallel jinbeda djalogu bejn l-awtoritajiet rispettivi u jiġu introdotti mekkaniżmi ta' sorveljanza tar-riskju.

Sabiex din ir-riforma ssir konkreta, fit-22 ta' Diċembru 2019 Franza ffirmat ftehim ġdid ta' kooperazzjoni mal-imsieħba tagħha tal-UEMOA, li għandu jieħu post il-ftehim eżistenti tal-4 ta' Diċembru 1973 ladarba jidħol fis-seħħ. Dan il-ftehim il-ġdid se jkun akkumpanjat minn ftehim ta' garanzija li għandu jiġi konkluż mal-Bank Ċentrali tal-Istati tal-Afrika tal-Punent (BCEAO). Għandu jiġi nnotat li r-riforma ma taffettwax il-karatteristiċi essenzjali tal-kooperazzjoni eżistenti fi kwistjonijiet ta' rati tal-kambju bejn Franza u l-Istati tal-UEMOA. B'mod partikolari tikkonċerna ż-żamma ta' konvertibilità bejn l-euro u l-frank CFA f'parità fissa sostnuta b'garanzija baġitarja bla limitu u mingħajr kundizzjonijiet ta' Franza.

La l-ftehim ta' kooperazzjoni eżistenti u lanqas dak futur bejn Franza u l-Istati tal-UEMOA ma jistgħu jitqiesu b'mod iżolat mid-dritt tal-Unjoni. Mill-introduzzjoni tal-euro, l-Unjoni għandha kompetenza esklużiva għall-politika monetarja u kwistjonijiet relatati mar-rata tal-kambju għall-Istati Membri li l-munita tagħhom hija l-euro. Mill-1 ta' Jannar 1999, Franza hija Stat Membru li l-munita tiegħu hija l-euro. Skont l-Artikolu 2 TFUE, meta t-Trattati jagħtu kompetenza esklużiva lill-Unjoni f'qasam speċifiku, hija biss l-Unjoni li tista' tilleġiżla u tadotta atti legalment vinkolanti. L-Istati Membri jkunu jistgħu jagħmlu dan biss jekk jingħataw is-setgħa mill-Unjoni. F'konformità mal-Artikolu 109(3) tat-Trattat dwar l-istabbiliment tal-Komunità Ewropea, fid-Deċiżjoni tiegħu tat-23 ta' Novembru 1998 (98/683/KE) il-Kunsill awtorizza lil Franza biex tkompli l-ftehimiet preżenti tagħha dwar ir-rata tal-kambju mal-UEMOA, is-CEMAC u l-Comoros wara li l-frank Franċiż ġie sostitwit bl-euro. Filwaqt li Franza kienet awtorizzata tkompli l-ftehimiet eżistenti tagħha, ma kellhiex is-setgħa li tissostitwixxi tali ftehimiet ma' oħrajn ġodda. Dan huwa saħansitra l-każ jekk l-għan ewlieni u r-reġim legali li jirregola l-kooperazzjoni fir-rata tal-kambju bejn Franza u l-imsieħba tagħha tal-UEMOA, tas-CEMAC u l-Comoros ikunu simili, jiġifieri li tiġi żgurata konvertibilità bejn il-muniti ta' dawk l-entitajiet u l-euro, b'sostenn ta' garanzija baġitarja mill-Istat Franċiż.

Sabiex tiġi żgurata l-kompatibbiltà ma' kompetenza esklużiva skont id-dritt tal-Unjoni u jkun hemm ċertezza tad-dritt, huwa meħtieġ li d-Deċiżjoni tal-Kunsill tat-23 ta' Novembru 1998 tiġi emendata. B'hekk Franza tkun awtorizzata tikkonkludi ftehim ta' kooperazzjoni ġdid, li

jissostitwixxi l-ftehim eżistenti tal-4 ta' Diċembru 1973. B'dan il-mod jiġi żgurat ukoll li r-Repubblika Franċiża tista' tikkonkludi ftehimiet ġodda ma' sħab Afrikani oħra li jissostitwixxu ftehimiet eżistenti. Barra minn hekk, jenħtieġ li diversi dispożizzjonijiet oħra tad-Deċiżjoni tal-Kunsill li jirregolaw ir-reġim ta' informazzjoni u approvazzjoni jiġu aġġornati biex tiġi estiża l-applikazzjoni tagħhom għal kwalunkwe ftehim ġdid mal-UEMOA jew kwalunkwe sieħeb ieħor li jissostitwixxi dawk eżistenti.

- **Konsistenza ma' politiki oħra tal-Unjoni**

Mhuwiex mistenni li dawn il-ftehimiet ikollhom xi effett materjali fuq it-twettiq tal-politika monetarja u tar-rata tal-kambju unika taż-żona tal-euro. Il-garanzija ta' konvertibilità għall-frank CFA u l-frank Comorjan hija bbażata fuq impenn baġitarju tar-Repubblika Franċiża. Qed jiġi preżunt li dan ma jkollux effett materjali fuq il-pożizzjoni fiskali ta' Franza, anki jekk l-attivazzjoni tal-garanzija mill-UEMOA twassal għal riskju fiskali għal Franza.

2. BAŻI ĠURIDIKA, SUSSIDJARJETÀ U PROPORZJONALITÀ

- **Bażi ġuridika**

L-Artikolu 219(3) TFUE huwa l-bażi ġuridika għall-adozzjoni ta' din ir-rakkomandazzjoni (li kien l-Artikolu 109(3) tat-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea). Tal-aħħar intuża biex tiġi adottata d-Deċiżjoni tal-Kunsill tat-23 ta' Novembru 1998 dwar kwistjonijiet ta' rati tal-kambju relatati mal-frank CFA u l-frank Comorjan (98/683/KE). Skont l-Artikolu 219(3) TFUE, il-Kunsill, fuq rakkomandazzjoni mill-Kummissjoni u wara konsultazzjoni mal-BĊE, jiddetermina l-arranġamenti għan-negozjati u għall-konklużjoni tal-ftehimiet rigward kwistjonijiet relatati mar-rata tal-kambju ma' pajjiż terz wieħed jew aktar.

- **Sussidjarjetà (għall-kompetenza mhux esklużiva)**

Il-prinċipju tas-sussidjarjetà ma japplikax peress li din il-kwistjoni tappartjeni għall-kompetenza esklużiva tal-Unjoni fi kwistjonijiet monetarji u tar-rata tal-kambju.

- **Proporzjonalità**

L-objettiv tar-rakkomandazzjoni proposta għal Deċiżjoni tal-Kunsill huwa li Franza tingħata s-setgħa li tikkonkludi ftehim ġdid ta' kooperazzjoni, li jissostitwixxi l-ftehim eżistenti tal-4 ta' Diċembru 1973 mal-UEMOA. Tfittex ukoll li tiżgura li r-Repubblika Franċiża tista' tikkonkludi ftehimiet ġodda ma' sħab Afrikani oħra li jissostitwixxu ftehimiet eżistenti. Barra minn hekk, diversi dispożizzjonijiet oħra tad-Deċiżjoni tal-Kunsill li jirregolaw ir-reġim ta' informazzjoni u approvazzjoni jiġu aġġornati biex tiġi estiża l-applikazzjoni tagħhom għal kwalunkwe ftehim ġdid mal-UEMOA jew kwalunkwe sieħeb ieħor li jissostitwixxi dawk eżistenti. Għal dan il-għan, ir-rakkomandazzjoni tipprevedi emendi mmirati li jiżguraw tali għoti ta' setgħa lil Franza, li ma jmorrux lil hinn minn dak li huwa meħtieġ biex jintlaħaq l-objettiv imsemmi hawn fuq.

- **Għażla tal-istrument**

Skont l-Artikolu 219(3) TFUE, il-Kunsill, fuq rakkomandazzjoni tal-Kummissjoni, għandu jiddetermina l-arranġamenti xierqa għan-negozjati u għall-konklużjoni ta' ftehimiet b'rabta ma' kwistjonijiet relatati mar-reġim monetarju jew tal-kambju.

- **Spjegazzjoni fid-dettall tad-dispożizzjonijiet speċifiċi tal-proposta**

Ir-rakkomandazzjoni tal-Kummissjoni lill-Kunsill fiha żewġ artikoli.

L-ewwel artikolu jipprevedi l-emendi għat-titolu u għall-Artikoli 3, 4 u 5 tad-Deċiżjoni tal-Kunsill tat-23 ta' Novembru 1998.

L-emenda għat-titolu u l-Artikolu 3 ta' dik id-Deċiżjoni jirriflettu l-evoluzzjoni potenzjali fil-futur jekk il-frank CFA jibda jismu l-frank Comorjan. Għaldaqstant, ir-referenzi għall-frank CFA huma sostitwiti bit-terminu ġenerali "munita" tal-unjonijiet monetarji rispettivi. L-istess sar għall-frank Comorjan b'referenza newtrali għall-munita tal-Comoros.

L-emendi għall-Artikoli 4 u 5 ta' dik id-Deċiżjoni jawtorizzaw lil Franza biex tissostitwixxi l-ftehimiet eżistenti tagħha mal-UEMOA, mas-CEMAS u mal-Comoros bi ftehimiet ġodda dwar kwistjonijiet relatati mar-rata tal-kambju u tissoġġetta kwalunkwe ftehim ġdid għall-istess regoli dwar l-involviment tal-korpi kompetenti tal-Unjoni bħal dawk eżistenti biex jiġi żgurat li l-modalitajiet tal-informazzjoni u tal-approvazzjoni stabbiliti mill-Kunsill fl-1998 ikomplu japplikaw.

It-tieni artikolu jiżgura li d-deċiżjoni indirizzata lil Franza tkun applikabbli mill-jum li d-Deċiżjoni tal-Kunsill tiġi notifikata lir-Repubblika Franċiża.

Rakkomandazzjoni għal

DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL

li temenda d-Deċiżjoni tal-Kunsill tat-23 ta' Novembru 1998 dwar kwistjonijiet ta' rati tal-kambju relatati mal-frank CFA u l-frank Comorjan (98/683/KE)

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, b'mod partikolari l-Artikolu 219(3) tiegħu,

Wara li kkunsidra r-rakkomandazzjoni tal-Kummissjoni Ewropea,

Wara li kkunsidra l-opinjoni tal-Bank Ċentrali Ewropew([1]),

Billi:

(1) L-Unjoni għandha kompetenza esklużiva għal kwistjonijiet monetarji u tar-rata tal-kambju fl-Istati Membri li l-munita tagħhom hija l-euro. Meta t-Trattati jagħtu kompetenza esklużiva lill-Unjoni f'qasam speċifiku, l-Unjoni biss tista' tilleġiżla u tadotta atti legalment vinkolanti, u l-Istati Membri jkunu jistgħu jagħmlu dan biss jekk jingħataw is-setgħa mill-Unjoni.

(2) Skont l-Artikolu 219(3) tat-Trattat, il-Kunsill għandu jiddetermina l-arranġamenti xierqa għan-negozjati u għall-konklużjoni ta' ftehimiet dwar kwistjonijiet relatati mar-reġim monetarju jew tal-kambju.

(3) Qabel l-introduzzjoni tal-euro, Franza kienet ikkonkludiet diversi ftehimiet mal-UEMOA (Union économique et monétaire ouest-africaine), mas-CEMAC ((Communauté économique et monétaire de l'Afrique Centrale) u mal-Comoros, li kienu maħsuba biex jiggarantixxu l-konvertibilità tal-frank CFA u tal-frank Comorjan fi frank Franċiż b'parità fissa([2]). Malli fl-1 ta' Jannar 1999 l-euro ħa post il-frank Franċiż, il-Kunsill awtorizza lil Franza biex tkompli tali ftehimiet eżistenti ("ftehimiet preżenti") dwar kwistjonijiet ta' rati tal-kambju mal-UEMOA, mas-CEMAC u mal-Comoros skont il-qafas stipulat fid-Deċiżjoni tal-Kunsill tat-23 ta' Novembru 1998 (98/683/KE) ("id-Deċiżjoni tal-Kunsill")([3]).

---

1 [...], ĠU, C XX/XX, J.X.S.

2 Convention de coopération monétaire du 23 novembre 1972 entre les États membres de la Banque des États de l'Afrique centrale (BEAC) et la République française, kif emendata; Convention de compte d'opérations du 13 mars 1973 entre le ministre de l'Économie et des Finances de la République Française et le Président du Conseil de l'administration de la Banque des États de l'Afrique Centrale, kif emendata; Accord de coopération du 4 décembre 1973 entre la République française et les Républiques membres de l'union monétaire ouest-africaine, kif emendat; Convention de compte d'opérations du 4 décembre 1973 entre le ministre de l'Économie et des Finances de la République Française et le Président du conseil des ministres de l'Union monétaire ouest-africaine, kif emendata; Accord de coopération monétaire du 23 novembre 1979 entre la République française et la République fédérale islamique des Comores, kif emendat; Convention de compte d'opérations du 23 novembre 1979 entre le ministre de l'Économie et des Finances de la République Française et le ministre des Finances, de l'Économie et du Plan de la République fédérale des Comores, kif emendata.

3 ĠU L 320, 28.11.1998, p. 58-59.

(4) Skont l-Artikoli 4 u 5 tad-Deċiżjoni 98/683/KE, Franza tista' tinnegozja u tikkonkludi modifiki għall-ftehimiet eżistenti, li jew iżommu jew jibdlu n-natura jew l-ambitu tal-ftehimiet eżistenti.

(5) Franza u l-Istati tal-UEMOA jinsabu fil-proċess li jissostitwixxu l-ftehim eżistenti tagħhom tal-4 ta' Diċembru 1973 bi ftehim ġdid ta' kooperazzjoni dwar kwistjonijiet relatati mar-rata tal-kambju. Dan il-ftehim ġie ffirmat fil-21 ta' Diċembru 2019. Huwa akkumpanjat minn ftehim ġdid ta' garanzija li għandu jiġi konkluż mal-Bank Ċentrali tal-Istati tal-UEMOA. Fit-22 ta' Mejju 2020, il-Gvern Franċiż ippreżenta abbozz ta' liġi lill-Assemblea Nazzjonali biex jiġi ratifikat il-ftehim ġdid ta' kooperazzjoni.

(6) Is-sostituzzjoni tal-ftehimiet eżistenti dwar kwistjonijiet relatati mar-rata tal-kambju bejn Franza, l-UEMOA, is-CEMAC u l-Comoros, li bħalissa qed jipprovaw jiksbu Franza u l-UEMOA, mhijiex koperta mill-Artikoli 4 u 5 tad-Deċiżjoni 98/683/KE. Dan huwa l-każ anki jekk in-natura u l-ambitu ta' ftehimiet ġodda ta' kooperazzjoni jibqgħu l-istess, jiġifieri biex tiġi żgurata konvertibilità bejn l-euro u l-muniti tal-UEMOA, tas-CEMAC u tal-Comoros b'parità fissa sostnuta minn impenn baġitarju minn Franza.

(7) Jenħtieġ li Franza tingħata s-setgħa li tissostitwixxi l-ftehimiet fis-seħħ mal-UEMOA, mas-CEMAC u mal-Comoros. F'konformità mad-Deċiżjoni tal-Kunsill 98/683/KE, il-proċeduri differenti eżistenti jenħtieġ li jibqgħu japplikaw skont jekk is-sostituzzjoni taffettwax jew le n-natura jew l-ambitu ta' dawn il-ftehimiet. Fiż-żewġ każijiet ikun meħtieġ li jiġu involuti l-korpi kompetenti tal-Unjoni f'konformità mar-reġim eżistenti ta' kondiviżjoni tal-informazzjoni u tal-approvazzjoni, skont il-każ, qabel ma l-ftehimiet jiġu sostitwiti bi ftehimiet sussegwenti.

(8) Għalhekk, jenħtieġ li d-Deċiżjoni 98/683/KE tiġi emendata skont dan,

ADOTTA DIN ID-DEĊIŻJONI:

Artikolu 1

Id-Deċiżjoni 98/683/KE hija emendata kif ġej:

(1) It-titolu jiġi sostitwit b'"Id-Deċiżjoni tal-Kunsill tat-23 ta' Novembru 1998 dwar kwistjonijiet tar-rata tal-kambju relatati mal-muniti tal-UEMOA, tas-CEMAC u tal-Comoros (98/683/KE)";

(2) L-Artikoli 3, 4 u 5 huma sostitwiti b'dan li ġej:

"*Artikolu 3*

L-awtoritajiet Franċiżi kompetenti għandhom iżommu lill-Kummissjoni, lill-Bank Ċentrali Ewropew u lill-Kumitat Ekonomiku u Finanzjarju informati fuq bażi regolari dwar l-implimentazzjoni tal-ftehimiet. L-awtoritajiet Franċiżi għandhom jinformaw lill-Kumitat Ekonomiku u Finanzjarju qabel ma jsir tibdil fil-parità bejn l-euro u l-muniti tal-UEMOA, tas-CEMAC jew tal-Comoros.

Artikolu 4

Franza tista' tinnegozja u tikkonkludi modifiki għall-ftehimiet preżenti, jew tissostitwihom, dment li n-natura jew l-ambitu tal-ftehimiet ma jinbidlux. Hija

għandha tinforma lill-Kummissjoni, lill-Bank Ċentrali Ewropew u lill-Kumitat Ekonomiku u Finanzjarju minn qabel b'dawn il-bidliet.

Artikolu 5

Kwalunkwe pjan biex tibdel in-natura jew l-ambitu ta' dawn il-ftehimiet, kemm permezz ta' emenda jew sostituzzjoni, għandu jiġi ppreżentat minn Franza lill-Kummissjoni, lill-Bank Ċentrali Ewropew u lill-Kumitat Ekonomiku u Finanzjarju. Dawn il-pjanijiet jeħtieġu l-approvazzjoni tal-Kunsill fuq il-bażi ta' rakkomandazzjoni mill-Kummissjoni u wara konsultazzjoni mal-Bank Ċentrali Ewropew."

Artikolu 2

Din id-Deċiżjoni hija indirizzata lir-Repubblika Franċiża.

Magħmul fi Brussell,

Għall-Kunsill
Il-President